# Il-Qwiel fil Qoxra ta' "Leħen il-Malti"

Nilqgħu x-xewqa ta' xi qarrejja u niġbru hawn flimkien il-qwiel li ilna nġibu fil-qoxra ta' dal-ktieb mill-għadd 22 sal-għadd 55-56. Fejn jinħtieġ, inżidu xi tagħrifa żgħira biex nuru mniex hu mnebbaħ il-qawl.

Għadd 22. Ma tistâx tgħid li int Malti
jekk ma tħobbx ilsien art twelidek.

„ 23. Ma tħobbx lil Malta
jekk ma tħobbx il-Malti.

„ 24. Il-lsien Malti hu l-aqwa xhieda
tal-qedem ta' ġensna.

„ 25. Għalkemm żgħir il-Malti
u la ż-żmien u l-anqas ebda ġens ma qerdu.

„ 26. Xejn mhu tagħna
daqskemm hu tagħna l-Malti.

„ 27. Kif tfaħħar il-ġieh ta' ġensek
jekk tiċħad ilsien artek?

„ 28. Jekk ħaġa għax qadima tgħożżha,
x'għandek eqdem minn ilsienek, ja Malti?

„ 29. Jekk ma tħobbx ilsien artek,
ilsien min tħobb?...

„ 30. Fil-qlub għeruqi,
tqaċċatni tista', taqlagħni qatt.

(*Il-lsien Malti jgħid lill-għedewwa tiegħu*).

„ 31. B'demm il-Maltin
rebaħ il-Malti.

(*Fil-għadd tax-xahar tar-Rebħa l-Kbira*).

„ 32. Il-lsien Malti fqir?
ħaddmu biex tagħnih.

Għadd 33. Min imaqdar ilsienu
ikun qiegħed iżeblaħ lilu n-nifsu.

„ 34. Jirbaħ il-Malti
għax is-sewwa miegħu.

(*Il-Malti rebaħ kull tfixkil u reġa' ġie f'tiegħu*).

„ 35. Imaqdruh
għax ma jafuhx.

„ 36. Hu dmir ta' kull Malti
li jagħraf il-lsien Malti.

„ 37. Isħaħ mis-sejf il-pinna f'idejna,
biha qed neqirdu l-ikrah għajb ta' Malta.

„ 38. Il-fehma kbira tagħna kienet u tibqa':
"Malta fil-lsien u l-qalb, Malta Maltija".

„ 39. Il-ġlieda tagħna għall-Malti kienet u tibqa'
għamil ta' ħaqq u mħabba għal art twelidna.

„ 40. F'ilsien artna l-għaqda tal-Maltin kollha
is-saħħa u l-qawwa ta' nazzjon żagħżugħa.

„ 41. Akbar hu rebħ il-ħaqq
minn rebħ il-qawwa.

„ 42. Ħabbtuni u ħaqruni.
u aktar kibret fija l-qawwa.

„ 43. Kont qawwi meta kont maħqur,
kemm aktar meta jien rebbieħ?

„ 44. Għajb għalik ja Malti
li taf ilsna oħra u ma tafx ilsienek!

„ 45-46 Jew agħma jew ħajjien
min imaqdar ilsien art twelidu.

„ 47-48 La tmissux il-Malti
jekk idejk mhumiex safjin.

„ 49. Bħal missier jitgħaxxaq b'uliedu l-maħbuba
jitgħaxxaq il-Malti bil-kittieba ż-żgħażagħ.

„ 50. Min jiċħad ilsienu, bħal min jiċħad dinu,
għajb u tmaqdir għal dejjem ħaqqu.

„ 51-52 Lil min refagħni u ma' ilsna oħra għollieni
insellem u nixtieq kull ħajr

(*Il-Malti lis-Sultan Ġorġ V fil-Ġublew tal-1935*).

„ 53-54 Biex jogħla l-Malti u l-għoli tiegħu jibqa'
jaħtieġ jissejjes fuq sisien qawwija.

„ 55-56 Bil-ħerqa ta' mħabbitna maħdum il-Malti
jikber, jitqawwa u b'ward sabiħ iħeġġeġ.